MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 599/2005

**Vogue Labels Ltd (C2620)**

**Vs**

**Alfred Zahra De Domenico u b'digriet tal-5 ta Gunju 2006**
**giet kjamata in kawza is-socjeta**
**AZ Ink Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta Marzu 2005 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallasha s-somma ta erba mija u tlieta u disghin lira tnax il-centezmu (Lm493.12) rapprezentanti valur ta xoghol ta printing konsenjat lill-konvenut u maghmul fuq struzzjonijiet tieghu.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 21 ta Marzu 2005 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li huwa qatt ma ordna xi xoghol minn ghandha.

Ra illi permezz ta digriet ta dan it-Tribunal datat 5 ta Gunju 2006 kien gie ordnat is-sejha fil-kawza tas-socjeta AZ Ink Co. Ltd.

Ra illi fis-seduta tat-3 ta Ottubru 2006 l-konvenut Alfred Zahra De Domenico ta ruhu notifikat ghan-nom tas-socjeta kjamata fil-kawza tal-avviz u talbiet dedotti mis-socjeta attrici u kkontesta l-istess.
Innota li l-kawza kienet thalliet ghal provi kollha tal-partijiet bl-intesa li tibqa ghas-sentenza.

Ra illi ma ngiebu ebda provi aktar wara li ssejhet fil-kawza s-socjeta konvenuta u kwindi it-Tribunal pproceda biex jiddeciedi dan il-kaz fuq il-provi migbura;

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-unika prova li tresqet f'dan il-kaz tikkonsisti fix-xhieda tal-konvenut di proprio u f'dik moghtija minn Marius Ciavola ghas-socjeta attrici nkluz tramite d-dokumenti esibiti minnu ghalkemm fin-nota kiteb erronjament li dawn gew prezentati mill-konvenut. Illi skond dan ix-xhud kien hemm xoghol ta printing ordnat mis-socjeta AZ Publicity Company Limited tal-valur ta tmien mija u sebgha u tmenin lira u tmenin centezmu liema ammont kien kopert permezz ta post dated cheques mahruga fuq l-istess socjeta liema cheques pero baqghu ma gewx onorati kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti a fol 12, 13 u 14 tal-process. Ta min jinnota illi c-cheques gew mahruga fuq kont tas-socjeta AZ Publicity Co Ltd filwaqt li kemm dan ix-xhud kif ukoll il-covering letter a fol 16 tal-process jaghtu x'tifhem illi s-socjeta nvoluta kienet iggib l-isem ta AZ.Ink Co. Ltd. Ghalkemm dan ix-xhud jghid li ebda wiehed minn dawn l-ghaxar cheques li rcevew ma gew onorati, din l-affermazzoni mhux biss ma tirrizultax mid-dokumenti esebiti izda jidher li tnejn mic-cheques ma

ghandhomx il-kliem *refer to drawer* iskritt fuqhom apparti l-fatt li mhux ic-cheques kollha gew esebiti, apparti l-fatt li l-kopji taghhom ma gewx awtentikati u apparti l-fatt li t-talba tal-attur stess hija ghal valur anqas minn dak li x-xhud qed jalludi li jinsab dovut. Oltre dan jinghad ukoll li l-ittri tal-HSBC esebiti f'dan il-process lanqas biss ma jirreferu ghal kopji tac-cheques kollha esebiti u wisq anqas jirreferu ghal cheques ohra mhux esebiti li allegatament ma gewx onorati. L-istess xhud jallega li l-konvenut di proprio wieghed li ser ihallas l-ammont kollu dovut ta Lm887.80 fi flus kontanti in sostituzzjoni tac-cheques mhux onorati pero dan baqa ma sarx u ghalhekk saret dina l-kawza. L-istess xhud pero la jispjega x'konnessjoni kellu il-konvenut di proprio ma din il-kwistjoni w anqas ma jispjega il-ghala l-kawza giet intavolata fuq ammont ferm inferjuri.

Il-konvenut di proprio jispjega li s-socjeta AZ Publicity Co Ltd kienet bidlet isimha ghal AZ Ink Co Ltd pero ma jafx li din is-socjeta ordnatx xoghol minnghand is-socjeta attrici. Huwa sinifikanti wkoll il-fatt li ma sar ebda kontro-ezami lil din il-parti sabiex jigi kontrollat fuq dak li kien qed jafferma u jew li jigi riskontrat bic-cheques esebiti, bil-firem fuq l-istess cheques jew bil-covering letter esebita meta ntbaghtu l-istess cheques.
Illi fid-dawl ta dawn il-provi t-Tribunal huwa tal-fehma li ma ngabitx prova wahda fil-konfront tal-konvenut di proprio u ghalhekk certament din il-parti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi ghar-rigward il-provi migjuba fil-konfront tas-socjeta kjamata fil-kawza wiehed jiskontra hafna nuqqasijiet u kontradizzjonijiet kif indikat hawn fuq u certament ma jissoddisfawx il-grad tal-prova rikjesta fil-ligi ghat-talba kif dedotta.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut di proprio u kwindi jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li fuq nuqqas ta provi soddisfacenti qed jirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta kjamata fil-kawza bl-ispejjes kollha ta dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-istess socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------